MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 359/2010

**V u X, it-tnejn minuri hawn rapprezentati minn ommhom A C li giet mahtura bhala kuratrici ad litem taghhom ai termini tad-digriet datat 10 ta’ Novembru 2010**

**V**

**1. B D**

**2. X**

**3. Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ippremettew:

Illi A C u l-intimat B D kienu zzewgu fit-28 ta' Gunju 2000 kif jirrizulta fic-certifikat hawn anness u mmarkat **Dok A**, liema zwieg tkisser u gew istitwiti proceduri ghal separazzjoni personali;

Illi l-istess intimat B D ilu assenti minn Malta ghal zmien twil;

Illi Loredan C u l-intimat N S kellhom relazzjoni ghal zmien twil, minn liema relazzjoni twieldu r-rikorrenti, ossia V li twieled fl-4 ta' Frar 2002, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat **Dok B** u X li twieldet fit-3 ta' Gunju 2004, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat **Dok C**;

Illi l-intimat B D mhux il-missier naturali tar-rikorrenti izda l-intimat N S huwa l-missier naturali tar-rikorrenti, u jekk ikun hemm bzonn dan jista jigi ppruvat minn test xjentifiku tad-DNA;

Illi Loredan C u l-intimat B D kienu mizzewgin meta twieldu il-minuri;

Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza il-missier naturali tal-minuri huwa l-intimat N S u mhux l-intimat B D;

Talbu li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-intimat B D m'huwiex il-missier naturali tal-minuri u tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri huwa l-intimat N S u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici biex isiru t-testijiet tad-DNA.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri V u X li ghandhom in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 723 u 1889 rispettivament billi: -

(i) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier tikkancella l-isem '*B D*' u tbiddlu bl-isem '*N S'*;

(ii) fil-kolonna fejn hemm indikat id-dokument tal-identità tal-missier flok ‘-/-‘ jitnizzel ‘[ID 415774 M]’;
(iii) fil-kolonna fejn hemm indikata l-età tal-missier flok 21 jitnizzel 28, u flok 23 jitnizzel 30;
(iv) fil-kolonna fejn hemm indikat post it-twelid tal-missier flok ‘*Wadi Zam, Morocco’* jitnizzel ‘*Pietà’*;
(v) fil-kolonna fejn hemm indikat post ir-residenza tal-missier flok San Pawl il-Bahar jitnizzel Zabbar;
(vi) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier patern u jekk hux (haj) jew (mejjet) flok Ali Bashir ben Abawieh D jitnizzlu Anton S (mejjet);
(vii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom l-omm tikkancella l-kliem ‘*the said*’ qabel isem B D;

3. Tordna ukoll *ai termini* tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-Kap 16;

Bl-ispejjes kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *n forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat, u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f’ghajnejn il-ligi;
2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess ir-rikorrenti nomine trid teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta’ stat

tal-minuri V u X ahwa D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;
3. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti nomine mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nomine li qeghda tigi ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-atturi l-minuri V u X ahwa D hekk kif rapprezentati minn ommhom A C bhala kuratrici tal-istess minuri wliedha, sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[1] tal-imsemmija minuri, fis-sens li dawn jibdew jindikaw lill-intimat N S bhala missierhom naturali minflok ma jibqghu jidhru bhala ulied l-intimat B D.

**Il-kaz Odjern**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tinnota li permezz ta' digriet tal-10 ta' Novembru 2010[2], A C inhatret sabiex tagixxi bhala kuraturatrici tal-minuri f'dawn il-proceduri.

Jigi rilevat ukoll li mir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kienx hemm

[1] Esebit a fol 6 u 7 tal-process rispettivament
[2] Ara a fol 10 tal-process

eccezzjonijiet ta' natura legali ad eccezzjoni li jinkombi lill-attrici li tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi il-Qorti tirrileva li minkejja li l-konvenut inghata z-zmien sabiex jintavola r-risposta guramentata tieghu ghall-kawza odjerna permezz ta' digriet datat il-21 ta' Gunju 2011[3], l-istess intimat baqa' qatt ma prezenta tali risposta u ghalhekk huwa kontumaci f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti tirrileva li dwar il-paternita' tal-minuri, hemm prova sufficjenti *ai termini* tal-Artikolu 77(b) tal-Kap 16 li l-istess minuri huwa verament il-wild naturali tal-intimat N S, u dan kif jirrizulta ahjar mid-DNA *test*[4] ipprezentat in atti u kkonfermat bil-gurament nhar id-9 ta' Mejju 2012.

Illi in vista tax-xiehda tal-attrici stess fejn permezz tal-affidavit taghha, tistqarr li hija qatt ma kellha rapporti intimi mal-intimat zewgha B D kif ukoll li l-istess zewgha sparixxa biss wara xahar zwieg[5], izda fuq kollox in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex fl-ewwel lok tigi meghluba l-presuzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 u konsegwentement jigi applikat l-Artikolu 77(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-intimat N S huwa l-missier naturali tal-minuri V u X ahwa D u konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemeda c-certifikati tat-twelid tal-istess minuri hekk kif mitluba fit-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici A C.

---

[3] Ara a fol 29 tal-process
[4] Li gie prezentat fil-21 ta' Gunju 2011
[5] Ara a fol 26 tal-process

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------